TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/233/12/S

Tarcisio Gaffiero
Vs
Mirage Holdings Limited

Illum 25 ta' Jannar, 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Tarcisio Gaffiero pprezentata fid-19 ta'Settembru,2012 u r-risposta tas-socjeta Mirage Holdings Limited ipprezentata fis-16 t'Ottubru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, lir-rapprezentanti taghhom u lix-xhieda mressqa, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fid-29 ta'Novembru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda magna tal-hasil, li skont l-attur, ma kinitx tahdem sew filwaqt li s-socjeta konvenuta allegat uzu hazin tal-magna tal-hasil;

Illi jinghad mal-ewwel li mid-dokumenti pprezentati mis-socjeta konvenuta stess, il-hsarat fil-magna tal-hasil sehhew wara biss xahar u r-rapporti komplew sa Lulju,2012 (ara Dok MH1 sa Dok MH13);

Illi s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova dwar uzu hazin tal-magna tal-hasil daparti tal-attur;

Illi min-naha l-ohra, l-attur dejjem accettaw it-tiswijiet li saru mis-socjeta konvenuta u l-magna tal-hasil kompliet tintuza';

Illi mill-atti ma hemmx prova li l-magna tal-hasil kellha xi difetti latenti;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Illi ghalhekk jigi kkonfermat li mhux kull tiswija f'oggett tista' tigi deskritta bhala difett u fil-kaz in ezami, jista' jkun li dan kien rizultat ta' "wear and tear" u mhux xi difett mekkaniku;

Illi min-naha l-ohra ghalkemm il-provi setghu ikunu iktar cari, jirrizulta li l-hsarat bdew wara ftit li l-magna tal-hasil inxtrat u komplew sakemm bdew il-proceduri odjerni quddiem dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Tarcisio Gaffiero filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Mirage Holdings Limited u Jordna lis-socjeta Mirage Holdings Limited thallas lil Tarcisio Gaffiero is-somma ta' €50 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Mirage Holdings Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888